MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-7 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 111/2004

**Carmelo Caruana Company Limited**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mis-socjeta attrici fil-11 ta' Frar, 2004, li *in forza* taghha, wara li ppremettieti:

Illi l-konvenut Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa debitur tal-kumpannija attrici ghas-somma ta' erba' u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u tmenin lira Maltija (LM 24,283), liema somma hi dovuta ghas-sena bazi 1994, bhala rifuzjoni tat-taxxa provizjonali mhallsa mill-kumpannija attrici (Income Tax No. 99 03710 10) (hekk kif jidher mid-dokument esebit bhala Dok A);

Illi l-konvenut, ghalkemm interpellat biex ihallas, inkluz b'ittra ufficjali datata 15 ta' Dicembru, 2003 baqa inadempjenti (Dok B);

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini ta' l-artikli 167 sa 179 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, stante li dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u li fil-fehma tal-kumpannija attrici, il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet xi jressaq kontra l-hlas ta' l-imsemmi ammont;

Tallbet lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;
2. tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tal-kumpannija attrici ghas-somma ta' erba' u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u tmenin lira Maltija (LM 24,283), liema somma hi dovuta ghas-sena bazi 1994 bhala rifuzjoni tat-taxxa provizjonali mhallsa mill-kumpannija attrici;
3. tikkundanna lill-konvenut Kummissarju tat-Taxxi Nterni ihallas l-imsemmija somma ta' erba' u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u tmenin lira Maltija (LM 24,283);

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 15 ta' Dicembru 2003 u bl-imghax legali mid-data meta l-attrici hallset it-taxxa provizjonali, sad-data tal-pagament effettiv mill-konvenut;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Kummissarju tat-Taxxi Interni li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

Illi fl-ewwel lok l-ammont involut ghadu m'huwiex cert, u barra minn hekk lanqas ma huwa immedjatament dovut mill-esponent, u ghalhekk il-procedura utilizzata f'din il-kawza hija irritwali;

Illi l-esponent m'huwiex marbut b'terminu partikolari sabiex fih johrog rifuzjonijiet; l-unika haga li tipprovdi l-ligi hija li f'kazijiet fejn japplikaw l-emendi l-godda dwar

rifuzjonijiet (u dan il-kaz jirrigwarda perjodu ta' zmien qabel l-emendi) l-esponent huwa obbligat ihallas 1% fix-xahar interessi fuq ir-rifuzjonijiet li jkunu ghadhom ma gewx rifuzi. Kieku l-legizlatur ried jimponi wkoll terminu specifiku sabiex fih isib il-hlas, kieku certament li kien jaghmel dan permezz ta' l-emendi kontenuti fl-artikolu 48 ta' l-Att dwar il-Hlas u l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372) li jittratta dwar ir-rifuzjoni tat-taxxa, liema emendi gew inkorporati permezz ta' l-Att IX ta' l-1999;

Illi inoltre s-socjeta' attrici ghadha ma thallsitx stante illi l-kontijiet taghha ghadhom qeghdin jigu investigati mill-esponent. Dan id-dewmien huwa dovut ghall-fatt illi s-socjeta' in kwistjoni tifforma parti minn grupp ta' kumpanniji u ghalkemm hija ghamlet qliegh fis-sena bazi relevanti kien hemm kumpannija ohra li ghamlet telf. Ghaldaqstant irid isir offsetting tal-qligh mad-dejn bejn iz-zewg kumpanniji;

Illi inoltre l-esponent huwa kopert mil-ligi fil-hrug ta' l-istima lis-socjeta' attrici mill-provvediment ghall-Artikolu 30 (4) ta' l-Att dwar il-Hlas u l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372), liema provvediment dahal fis-sehh fil-5 ta' Marzu 2004;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u n-nota tax-xhieda tal-konvenut;

Rat in-Nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha cediet is-sorte stante pagament tas-somma mitluba waqt il-mori tal-kawza izda zammet ferm fuq il-kap ta' l-ispejjez.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

Ikkunsidrat :

Illi wara illi gie rinunzjat il-meritu dak li jibqa biex jigi minn din il-Qorti huwa biss il-kap ta' l-ispejjez.

Ikkunsidrat :

Illi l-principji tad-dritt in materja ta' spejjez gudizzjarji huma regolati mill-Artikolu 223 tal-Kodici ta' Organizzjazzjoni u Procedura Civili li jenuncja zewg regoli. Fl-ewwel subinciz tieghu jipprovdi li kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez. Skond id-dispost tat-tielet subinciz il-Qorti tista tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha, meta kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwistjonijiet difficli tal-ligi, inkella ghal xi raguni tajba ohra.

Jinsab ritenut illi "minn din id-disposizzjoni esplicita jirrizulta car u manifest li l-Qorti meta tittempera l-ispejjez ma tistax tmur aktar 'l hemm milli tordna illi l-ispejjez ma jigux intaxxati, salvi eccezzjonijiet specjalissimi". (Ara Kollez. Vol. XLV111 pl p 445; Vol XXV1 pl p 173)

Huwa rikonoxxut pero' li jezistu kazijiet li fihom ma tkunx qed issir gustizzja mal-parti proceduralment sokkombenti jekk ma tigix b'danakollu mehlusa ghal kollox mill-ispejjez. Jokkorri ghalhekk illi il-Qorti tezamina jekk fil-meritu kienx hemm cirkostanzi li kienu jissuggerixxu xi temperament in via ta' xi eccezzjoni specjalissima.

Illi minn ezami tal-atti processwali jirrizulta illi qabel ma giet intavolata din il-kawza is-socjeta' attrici kienet diga interpellat lill-konvenut sabiex ihallasha permezz ta' ittra ufficjali li giet ipprezentata fil-15 ta' Dicembru 2003. Jirrizulta wkoll illi s-somma dovuta thallset permezz ta' cheque waqt il-mori tal-kawza. Il-konvenut issottometta illi l-hlas ma sarx qabel mhux ghaliex is-somma ma kienitx dovuta, imma ghaliex ried jivverifika minhabba kumpanniji ohra li hija proprjetarja taghhom is-socjeta' attrici. Izda meta xehed is-Sur Tarcisio Sultana, rapprezentant tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, u meta dan intalab jesebixxi d-dokumenti li jippruvaw li hu verament kien qed jaghmel il-verifiki imsemmija din il-prova ma tressqitx.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-Qorti taqta u tiddeciedi illi l-konvenut ghandu ibaghti l-ispejjez tal-kawza, anke ghaliex meta huwa effettwa l-pagament tas-sorte wara li giet intavolata l-kawza  gie li ammetta li s-somma riklamata fic-citazzjoni kienet dovuta mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.  Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tastjeni illi tiehu konjizzjoni tal-meritu stante li dan jinsab ezawrit, tiddeciedi l-kawza billi tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez tal-kawza.  Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-imghax ghar-raguni illi meta s-socjeta' attrici cediet is-sorte permezz ta' nota tal-10 ta' Marzu 2006 u zammet ferm fuq il-kap ta' l-ispejjez ma zammitx ukoll ferm fuq il-kap ta' l-imghax.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------